**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 265/2017 CFF**

**Emanuele Cassar**
**Vs**
**Stephen John Cleaver**
**ARMS Limited**

**Illum 6 ta' Novembru, 2018**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors** tal-attur fejn talab sabiex il-konvenuti jigu kkundannati li jhallsu lill-attur s-somma ta' hamest elef disa' mija u euro u tmien centezmi (€5,901.08) rapprezentanti l-hlas li kellu jsir minnu lill-konvenut ARMS Limited ghall-konsum tal-ilma u dawl u l-kiri tal-metres relattivi, li ghamlu fil-fond proprjeta' tieghu 88, Triq il-Kbira, Zabbar, stante li hallew il-kont fuq isem l-attur wara li kien xtara l-imsemmi permezz ta' kuntratt tas-26 ta' Frar, 2008 fl-atti tan-Nutar Ruben Casingena bl-imghaxijiet legali u fit-tieni lok li l-attur ikun awtorizzat sabiex flimkien mal-konvenut ARMS limited jkun jista' jidhol fil-fond 88, Triq il-Kbira, Zabbar u flimkien maghhom jkun jista' jaqla' l-metres.

Bl-ispejjez u l-konvenuti mharrkin ghas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta tas-socjeta' konvenuta Automated Revenue Management Services Limited fejn esponiet:

1. Illi l-kont bin-numru 101000187769 relattiv ghas-servizzi tal-ilma u dawl fil-fond 80, Triq il-Kbira, Zabbar, kien u ghadu registrat f'isem l-attur u dan peress li qatt ma giet prezentata talba u cioe' formola kompleta sabiex tali kont jigi traferit fuq xi persuna ohra.

2. Illi ghalhekk is-socjeta' esponenti kellha u ghad ghandha relazzjoni guridika biss ma l-utent registrat, u cioe' l-istess attur.

3. Illi kif jirrizulta mill-anness statement markat "Dok NS", fit-23 ta' Awwissu, 2017 sar hlas fl-ammont ta' €5,901.08 u l-ammont dovut illum (09.10.2017) jammonta ghall-€48.13, liema ammont huwa dovut mill-utent registrat, l-attur.

4. Illi l-esponenti ghalhekk qed tezercita d-drittijiet legali taghha skont il-Ligi fil-konfront tal-attur.

Ghaldaqstant hija umilment titlob lil din il-Qorti li tillibera lill-istess esponenti mill-osservanza tal-gudizzju u dan ghar-ragunijiet imsemmija fuq.

Rat li l-konvenut Stephen John Cleaver gie notifikat skond il-procedura ta' l-affissjoni u l-pubBlikazzjoni izda dan naqas milli jintavola risposta.

Rat li Emanuel Cassar fl-affidavit tieghu tat-18 ta' Lulju, 2018 jiddikjara li huwa biegh il-proprjeta' 80, Triq il-Kbira, Zabbar lil Stephen John Cleaver u kienu ftehmu biex dakinhar tal-bejgh, isir trasferiment tas-servizzi ghal fuqu. Fil-fatt Emanuel Cassar iffirma l-formola sabiex Stephen Cleaver jghamel il-proceduri necessarji izda dan tal-ahhar baqa' ma ghamel xejn. Emanuel Cassar sar jaf li d-dawl u l-ilma ma nqalbux fuq Stephen Cleaver meta rcieva kont mis-socjeta' ARMS bl-ammont akkumulat minn Stephen Cleaver li kien ta' madwar €3102.89. Izid jghid li mar biex jaffrontah Haz-Zabbar, izda l-girien infurmawh li kien ilu ma joqghod hemm. Emanuel Cassar mar ghand l-ARMS biex jipprezentalhom kopja tal-kuntratt ta' bejgh sabiex jeqilbu l-kont ghal fuq Stephen Cleaver, jew inkella jinqata' s-servizz kompletament, pero' l-ARMS infurmawh li biex jeqilbu l-kont ghal fuq Stephen Cleaver, dan tal-ahhar kellu jiffirma l-formola, u biex jinqata s-servizz kompletament, il-kont kellu jithallas fl-intier tieghu.

Ruben Bonnici rapprezentant tal-ARMS jikkonferma li s-sur Emanuel Cassar kien ghamel pagament ta' €5901.08 fl-2017, pero' kien ghad fadal bilanc ta' €440.03. Izid jghid li mill-2010 sal-gurnata tallum, il-meter qatt ma nqara u ghalhekk il-kontijiet dejjem hargu bhala estimation.

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta li Emanuel Cassar l-attur biegh il-propjeta' 80, Triq il-Kbira, Zabbar lil Stephen John Cleaver il-konvenut u dan fis-26 ta' Frar 2008.

Jirrizulta li minkejja li Emanuel Cassar kien iffirma l-formola biex isir *transfer* ta' l-arlogg tad-dawl, Cleaver baqa' m'ghamilx il-proceduri necessarju u l-arlogg tad-dawl baqa' registrat fuq Emanuel Cassar.

Jirrizulta li Emanuel Cassar baqa' jircievi l-kontijiet tal-konsum tad-dawl li kien qieghed jaghmel l-istess Cleaver.

Jirrizulta li Emanuel Cassar hallas kull kont pendenti li kien hemm f'ismu izda li l-konsum kien qed jaghmlu Cleaver fit-23 t'Awwissu 2017.

Ghalhekk jirrizulta li Emanuel Cassar hallas dak li hu suppost dovut minn Stephen John Cleaver.

**Decide:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' l-ewwel talba ta' l-attur, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba u dan peress li din giet milqugha permezz ta' digriet ta' din il-Qorti datat l-1 ta' Novembru 2018, tikkundanna lill-konvenut Stephen John Cleaver ihallas lill-attur is-somma totali ta' hamest elef disa' mija u wiehed Ewro u tmien centezmi (€5901.08), bl-imghax dekorribbli mid-data tal-prezentata tal-kawza sad-data tal-pagament effettiv.

Tikkundanna lill-konvenut Stephen John Cleaver ihallas l-ispejjez kollha tal-kawza.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Magistrat**

**Vera kopja**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**